# REĠJUN TRAMUNTANA

112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 2 ta' 2022, miżmuma nhar id-9 ta' Frar 2022, ġewwa l-Uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta' filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | | |
|---|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | (Online) | Membru |
| • A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | | Vici President |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | (Online) | Mayor |
| • Stephen Cordina | H'Attard LC | (Online) | Membru |
| • Trevor Fenech | San Gwann LC | (Online) | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Angelo Micallef | Hal Balzan LC | Membru |
| • Romilda B. Zarb | Mosta LC | Membru |

Membri Assenti:

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

AĠENDA

2.1: Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

2.2: Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

2.3: Komunikazzjoni tal-President;

2.4: Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri:

2.5: Kumunikazjoni

2.6: Rapporti;

........2.6.1 Budget 2022 – 2025 – approval of proposals.

2.7: Affarijiet oħra ta’ Xogħol ieħor tal-Kunsill Regjonali li jkunu meħtieġa;

2.7:1 Tenders updates

2.7.2 Waste Managemnet Tender

2.7.3 Ħatra ta’ Vici President

2.7.4 Nudging Active Travel – Dr Maria Attard

2.7.5 MOU – Institute of Tourism Studies

2.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti;

2.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Jra019

Il-Laqgħa nfetħet mil-President is-Sur Clifford Galea. Il-President irringrazzja lill-membri tal-attendenza.

## - Qari t’ Apoloġiji

Is-Sinjur Angelo Micallef u s-Sinjura Romilda B Zarb kienu skużati.

## - Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru 1 ta’ 2021, miżmuma f’Jannar, ittieħdu bħala moqrija. Paul Vella ippropona li jkunu approvati. John Buttigieg issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Punti Mqajma mill-minuti:
Is-SE aġġorna lill-membri rigward il-kontijiet fl-APS. Huwa spjega li l-APS m’għandhomx interessi fuq il-kontijiet bi flus għolja. Huwa rrakkomanda lill-membri li tagħmel sens li r-Reġjun jiftaħ kont hemm u jnaqqas il-flus mill-BOV u b’hekk jifranka l-interessi. Alfred Grima ippropona



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

li r-Reġjun jiftaħ kont mal-APS. Clifford Galea issekonda l-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

Is-SE spjega li d-DLG kien beda sistema ġdida ta' uditjar fejn jidħol ix-xiri tal-Kunsilli u Reġjuni. Filfatt, fil-ġimgħa ta' qabel, intalab jagħti spjegazjoni fuq numru ta' mistoqsijiet mid-DLG. Ir-rapport kien sottomess il-Ġimgħa filgħaxija. Is-SE talab kjarifika lid-DLG rigward tenders li jinħarġu mir-Reġjun u li jistgħu jintużaw mill-Kunsilli Lokali, bħal pereżempju tas-CCTV. Kien iċċarat li l-Kunsill jista' juża t-tender, jekk fit-tender ikun imniżżel li jistgħu jużawh il-Kunsilli kif ukoll li l-ammont globali ta' xiri ma jkunx inqabeż, pereżempju trid issir talba ta' xiri għal 20 CCTV sa' massimu ta' 30. F'dan il-każ ikunu jistgħu jinxtraw 10 oħra fuq dak it-tender.

## Komunikazzjoni mil-President

Il-President kellu l-ewwel laqgħa tal-AKL fejn kienu diskussi numru t' affarijiet fosthom:

- Budget tar-Reġjun issa ġie 583K. Mhux ser issir talba għal iktar, la r-reġjuni għandhom flus imġemmgħa
- Waste: il-ġbir tal-iskart ser isir a bażi reġjonali. Importanti li nedukaw lin-nies kif ser issir il-bidla.

  Trevor Fenech qal li bħala parti mir-Reġjun Ċentru, il-Kunsilli kienu ħarġu unanimament li ma jaqblux mas-sistema reġjonali proposta.

  Kien hemm qbil li din id-diskussjoni fir Reġjun titkompla meta joħroġ id-dokument mistenni tat-tender, qabel dan ikun ippublikat.
- Reverse vending machines – ser ikunu qed isiru diskussjonijiet mal-Kunsilli biex jaraw fejn ser jitwaħħlu dawn il-vending machines.
- Laqgħa Plenarja pjanata għal Marzu hija posposta.
- ERA Bring-in sites – ser isiru laqgħat mal-Kunsilli biex jitpoġġew bring-in sites. Jidher ċar pero', li hemm Kunsilli li ma jridux dawn il-bring-in sites, minħabba esperjenzi negattivi li kellhom fil passat. Alfred Grima hawn irrimarka li l-AKL m'għandhiex dritt tiddeċiedi għall-Kunsilli u ma tistax timponi fuq il-Kunsilli deċiżjonijiet li jaffettwaw lil-lokalita'.
- Devolution lands – jidher li ser ikun hemm iktar għajnuna fejn jidħol xogħol ta' devoluzzjoni. Is-SE ġibed l-attenzjoni lil-President li hemm bżonn li l-Lands ma tibqax tuża l-policy li jekk Kunsill ikollu applikazzjoni ta' devoluzjoni fuq post, ma jistax japplika fuq devoluzjoni għal post ieħor. Wieħed irid ikun realistiku u jaċċetta li hemm postijiet li jkunu faċli u oħrajn diffiċli, u m'għandhomx ikunu policies li jxeklu l-ħidma tal-Kunsill. Il membri qablu ma' kliem is-Segretarju u talbu lil-President jiġbed l-attenzjoni tal-AKL.

Il-President semma li jidher li hemm diċerija li l-Enemalta ser jieħdu lura l-iStreet lights. Qal li wasallu nformazzjoni li xi Sindku kellu laqgħa mal-Enemalta u dawn qalulu li d-dawl ser joħduhom lura. Paul Vella ikkonferma dan u qal li hu kien is-Sindku li ltaqa' maċ-chairman tal-enemalta u dan qallu li dwal ser jgħaddu lura għandhom; Paul qal ukoll li kien hemm xi ftehim minn Jannar. Saret diskussjoni u ħadd mill-membri ma jaqbel li dwal imorru lura lil Enemalta. Hemm ukoll il-fatt li r-Reġjun joffri diversi servizzi relatati, li preżentament qed jinħadmu tenders tagħhom. Alfred Grima issuġġerixxa li s-SE jikteb lid-DG fuq din il-materja u jistaqsieh jekk hemmx xi ħsieb ieħor. Is-SE ser jikteb lid-DG.

## Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### – Komunikazzjoni

Il-President ippreżenta ittra minn AWDC Malta fejn talbu l-għajnuna tar-Reġjun biex jgħin fl-ispejjeż ta’ Greenlane (dawra) ta’ karozzi 4x4 li ser issir fl-20 ta’ Frar u li tibda mis-Siġġiewi u tibqa sejra l-aħrax tal-Mellieħa. Din ser issir għall-karita’ u ser tkun qed tiġbor fondi għal Dar il-Kaptan fl-Imtarfa. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet illi r-Reġjun jgħin f’din l-attivita’ b’massimu ta’ 500 ewro. Trevor Fenech issekonda. Il-Membri qablu unanimament.

### – Rapporti

### – Affarijiet oħra

**Nudging Tourism** – Il-President talab li titwaqqaf il-laqgħa sabiex il-Professur Attard tagħmel il-preżentazzjoni tagħha. Alfred Grima issekonda. Il Membri qablu u l-laqgħa twaqqfet.

Ftit ta’ ħin wara, reġgħet fetħet il-laqgħa. Alfred Grima irrimarka li jistenna li r-Reġjun jibqa’ jimxi fuq il-passi li jekk Kunsill ma jaqbilx ma’ deċiżjoni iżda l-oħrajn kollha jaqblu, ir-Reġjun jimplimenta xorta x-xogħol għall-Kunsilli l-oħra. Dan minħabba l-fatt li mhux jaqblu ma’ iktar twaħħil ta’ arbli fuq il-bankini. Il-President u numru ta’ membri assigurawh li hekk kienet u ser tibqa’ il-modus operani tar-Reġjun.

Anne Marie Muscat Fenech Adami, fuq il-proposta li r-Reġjun ikollu vann biex jaqdi r-residenti reġjonali, qalet li n-Naxxar għandu vann li bħalissa waqaf jintuża minħabba li ma hemmx xufier. Hija spjegat illi lesta tressaqha Kunsill biex dan il-vann jibda jintuża mir-Reġjun. Spjegat ukoll li dan il-vann għandu bżonn xi xogħlijiet biex ikun wheelchair accessible.

Is-SE ser jara jitkellimx mal-Airmalta biex jara jekk hemmx xi nies interessati bħala xufiera.

**Ħatra ta’ Viċi President.** Il-President Galea jinnomina lis-Sindku Anne Marie Muscat Fenech Adami bħala Viċi President. Trevor Fenech issekondah. Il-membri qablu unanimament. Is-SE feraħ lis-Sinjura Muscat Fenech Adami tal-kariga ġdida.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-SE ippreżenta numru ta’ proġetti, budget plan għas-sena 2022 u pjan ta’ ħidma 2022 – 2025. Ta spjegazzjoni tal-proġetti li hemm maqbula kif ukoll numru ta’ proposti ġodda. Il-proposti ġodda ser ikunu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

**Proġetti** proposti

1. Street Events Festival Fund fir-Reġjun kollu. Dan il-proġett propost minn Paul Vella u ssekondat minn Kyle Mifsud, kien maqbul unanimament mill-membri. Fond ta’ 50K Ewro.
2. CCTV Cameras surveillance –Trevor Fenech ippropona li r-Reġjun jagħmel sistema ta’ CCTV lill-Kunsilli. Paul Vella issekonda l-mozzjoni. Il-Membri qablu unanimament. Fond ta’ 30K Ewro.

3. Animal Welfare Projects - John Buttigieg ippropona fond għal Animal Welfare. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament. Il Fond huwa ta’ 30K Ewro.

4. Kors għall-Komunita’ fuq roof gardens, green walls u hydroponics – Paul Vella ippropona u Anne Marie Mucat Fenech Adami issekondat. Il-membri qablu unanimament. Fond ta’ 10K Ewro.

5. Dokumentarju – il-Mużika u l-Baned tar-Reġjun, Il-Kult Marjan fir-Reġjun, l-arti fir-Reġjun – Il-President Clifford Galea Vella ippropona dokumentarju fuq il-mużika u l-baned tar-Reġjun. Trevor Fenech issekondah. Il-membri kollha qablu apparti Alfred Grima li astjena. Fond ta’ 50K Ewro.

6. Vjaġġ għall-membri anzjani tar-Reġjun (sussidju) Trevor Fenech ippropona li r-Reġjun jorganizza u jissussidja vjaġġ għall-anzjani tar-Reġjun. Paul Vella issekonda. Il-membri qablu unanimament. Fond ta’ 10K Ewro.

7. L-integrazzjoni u l-Komunita’ – Konferenza – Paul Vella ippropona li jitkompla x-xogħol li kien inbeda’ fuq l-integrazzjoni billi ssir konferenza. John Buttigieg issekonda. Il-Membi qablu. Fond ta’ 10K Ewro.

8. John Buttigieg ippropona li r-Reġjun joħroġ tender għal skart tal-ġonna organiku. Alfred Grima ippropona li r-Reġjun jara jġibx magna li tgħaffeġ u tqatta’ dan l-iskart. Il-Membri qablu u talbu lis-SE jinvestiga din il-materja.

9. Health and Safety Officer – risk management. Anne Marie Muscat Fenech Adami proponiet li r-Reġjun jingaġġa Health and Safety Officer. Alfred Grima issekonda. Il-membri qablu unanimament u poġġew 20K Ewro fond għal dan il-għan.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## Kunsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-iskeda 147 kienet preżentata. John Buttigieg ippropona li tkun approvata. Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmgħet fit-tmienja u nofs ta’ filgħaxija.
Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 23 ta’ Marzu, fis-sitta ta’ filgħaxija.

__________________________ ______________________________

Clifford Galea
President
Approvati illum 7 ta’ April 2022

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt